MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI RIMANDANTI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2007

Numru. 700/2007

Il-Pulizija
(Spettur Dr. Noel Cutajar)
(Spettur Sandro Zarb)
vs
Emanuel Borg

Illum 13 ta' Settembru, 2007

Il-Qorti
Rat ir-rikors tal-Avukat Generali u li bih wara li rrileva dak premess go fih, talab umilment li din l-Onorabbli Qorti Rimandanti r-riappuntament ta' dawn il-proceduri sabiex din il-Qorti tkun tista tirrevoka *contrario imperio* id-decizzjoni li tiddeferixxi *sine die* dwar il-proceduri, u minflok wara li tordna li Borg ghandu jintbaght lejn l-Italja ai termini tal-artikolu 13(5) u 24 tal-Ordni, tipposponi t-treggija ai termini tal-artikolu 28A (2) tal-Ordni.

Rat dak verbalizzat waqt is-seduta tat-12 ta' Settembru 2007 da parti tal-abili difensur tal-estradant kif ukoll id-digriet taghha moghti fl-istess seduta in rigward ir-riappuntament ta' dawn il-proceduri.

Ikkkunsidrat

Illi b'referezna ghat-talba in ezami din il-Qorti ser taghmilha cara li :

a) Fid-decizjoni moghtija fis-7 ta' Settembru 2007, l-istess Qorti iddecidiet illi r-reati in ezami huma estradibbli a bazi tal-artikolu 12 tal-avviz legali 320/2004 u li ma hemm ebda ostakolu ghall-estradizzjoni a bazi tal-Artikolu 13 ibid u applikat l-artikolu 28A ibid u ghar-ragunijiet hemm premessi, ipposponiet l-konsenja tal-estradant u iddeferit dawn il-proceduri "sine die" kif riappuntabbli meta tavvera ruhha wahda mic-cirkostanzi specifikati fis-subinciz (2) (a) (b) (c) (d);

b) L-istess Qorti rat dak premess fir-rikors in desamina kif ukoll l-Artikolu 28A mill-gdid, oltre l-artikolu 13 u 24 ibid. Fil-fatt l-artikolu 13 (5) jesigi illi f'kaz li din il-Qorti tiddeciedi t-treggiegh lura tal-estradant, ma hux impedid b'xi "bar to extradition" u l-istess estradant jinsab akkuzat bl-ghemil ta' reat ta' estradizzjoni, il-Qorti Rimandanti ghandha tmexxi skond l-Artikolu 24 ibid. Dan tal-ahhar jghid illi l-istess Qorti ghandha tordna lill-persuna taht kustodja bi stennija ghat-treggiegh lura lejn il-pajjiz skedat u li hareg il-mandat in desamina.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li t-talba in ezami ghandha tigi akkolta fis-sens illi tirrevoka "contrario imperio" id-differiment "sine die" ta' dawn il-proceduri u waqt li, a skans ta' kull ekwivoku, tordna li l-estradant jintbaght lejn l-Italja skond l-Artikolu 13(5) u 24 ibid, u qed tipposponi t-treggija skond l-artikou 28A (2) ibid. In oltre u ghal kull bon fini, il-Qorti qed tinforma lill-estradant illi hu jista jappella quddiem il-Qorti tal-Appell minn tali decizzjoni u li hu ghandu d-dritt li jitlob rimedju f'kaz li jhoss li kien hemm xi ksur tal-Kostituzzjoni u tad-dritt dwar il-Konvenzjoni Ewropeja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------